

# GRAZZI

Ohloq Tbissima, il-maratona ta' 60 siegħa xandir *live* b'risq il-missjonijiet fi ħdan is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, intemmet il-Ħadd 12 ta' Lulju f'nofs il-lejl.

Din kienet is-seba' sena li saret il-Maratona. Għal darb'oħra fil-bitħa ta' Dar San Ġużepp f'Santa Venera il-pubbliku seta jipparteċipa f'quddies, rużarju u mumenti oħra ta' talb; rokna għat-tfal, Musichiere, Staqsini 20, u mitt ħaġa oħra. Deher ħafna l-livell għoli tat-talent Malti ta' dawk li ħadu sehem.

Kien mument sabiħ meta xi missjunarji fil-Perù ingħaqdu mal-bitħa ta' Dar San Ġużepp permezz ta' kollogament dirett u huma wkoll segwew it-tmiem tagħha. Ta' min ifaħħar lil *Winter Moods* għall-ispettaklu li taw u li gie milqugħ b'ċapċip minn dawk preżenti.

Mument ieħor sabiħ kien meta Fr. Louis Mallia, is-Superjur Reġjonal tal-MSSP, kif ukoll Direttur taċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja fl-għeluq tal-Maratona ħabbar iċ-ċifra sabiħa li sa dak il-ħin laħqet **€195,013.** Hu. flimkien ma' Marthese Brincat, Assistent Direttur ta' *ĊAM Productions international* (Cpi) u ko-ordinattriċi tal-Maratona irringrazzjaw mill-qalb lil dawk kollha li ħadmu biex din il-maratona setgħet tkun possibli.

Kif tafu l-għan ta' din il-maratona kien li jinġabru l-flus biex jitkompla x-xogħol siewi li qed isir mat-tfal residenti f'Dar San Ġużepp f'Santa Venera, għax-Xandir tal-Kelma permezz tal-Media u għal-diversi proġetti fil-missjonijiet li l-patrijiet MSSP jieħdu ħsieb fil-Perù, fil-Pakistan u fil-Filipppini.

Mill-ġdid grazzi ħafna lil kull min ipparteċipa b'xi mod jew ieħor.



## Għinni nsir qassis

Min dak li taqraw f'Aħna Likom tafu li għandna numru sabiħ ta' żgħażagħ li qegħdin fil-kors tal-formazzjoni tagħhom biex isiru missjunarji fis-Soċjetà tagħna. Dan ż-żmien ta' formazzjoni jinħtieġ attenzjoni speċjali, għax minn hawn jiddependi, xogħol pastorali li jrid jagħmel 'il quddiem il-missjunarju. Dan kollu aħna nistgħu nagħmluh bil-ġenerożità tagħkom.

Trid ikollok sehem f'din il-formazzjoni taż-żagħżagħ tagħna? Dan tista' tagħmlu billi toffri **€583** waħdek, jew ma' ħaddieħor, f'daqqa jew ftit ftit. Kif trid int. Jekk trid tista' wkoll tħalli din il-Fundazzjoni f'testment biex issir wara mewtek.


LULJU-AWWISSU 2009 / GĦADD 439

EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP




# 50 Sena aħna lilkom


NEWSPAPER POST

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB

SOĊJETÀ MISSJUNARJA TÀ SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159


## Il-Ħames saċerdot Peruvjan


Fr Hector Attard mssp
Formator tal-istudenti fil-Perù


Il-missjoni li s-Soċjetà għandha ġewwa il-Perù qed tkompli tara sinjali sbieħ ta' tama bl-ordinazzjoni ta' saċerdot ieħor fi ħdanha. Fid-29 ta Ġunju 2009, Festa ta' San Pietru u San Pawl, Fr Salomon Cruzado Lopez mssp ġie ordnat saċerdot mil-E.T. Mons Adriano Tommasi, Isqof Awżiljarju ta' Lima. L-ordinazzjoni saret fil-knisja parrokkjali iddedikata lil Marija tar-Rimedju t-Tajjeb u San Pawl Appostlu, li is-Soċjetà tmexxi ġewwa Lima.

Għal din l-okkażżjoni inġbarna l-membri tas-Soċjetà li jaħdmu f'Lima kif ukoll is-Superjur Reġjonali, Fr Victor Livori mssp, flimkien ma' xi ħbieb li ġew iżuruna minn Malta. Kif jixraq f'ċelebrazzjonijiet bħal dawn l-ambjent kien imżejjen b'sinjali li jesprimu il-kariżma missjunarja tagħna. Għalhekk twaħħlu ħames drappijiet twal, b'kuluri differenti fl-isfond ta' l-artal li kienu jirrappreżentaw il-ħames kontinenti u allura l-missjoni universali tal-Knisja. Ma setgħux jonqsu ir-ritratt tal-għaziz fundatur tagħna Mons Ġużeppi De Piro kif ukoll statwa tal-patrun tagħna, San Pawl.

Il-familja ta' Fr Salomon ġew minn Cajarmarca, li hija belt żgħira fin-naħa ta' fuq tal-Perù biex jattendu għaċ-ċerimonja. Flimkien ma' ommu u missieru kien hemm ukoll żewġ ħutu rġiel u ħuh ieħor li huwa saċerdot djoċesan u li jaħdem fid-djoċesi ta' Cajamarca.

Fost il-mumenti sbieħ taċ-ċerimonja kien hemm il-waqt meta, wara it-tqegħid tal-idejn mill-Isqof fuq ras l-ordinand, omm u missier Fr Salomon resqu biex ilibbsuh l-ilbies liturġiku. Il-ġemgħa tan-nies kienet tidher ferħana għal dan il-qassis ġdid. Ħafna nies minn din il-parroċċa jafu lil Fr Salomon għaliex hu kien qed jgħix u jaħdem bħala djaknu f'din l-istess parroċċa ma' Fr Marċell Portelli mssp li kien il-kappillan.

Wara ċ-ċelebrazzjoni liturġika dħalna fis-sala parrokjali biex inkomplu naqsmu il-ferħ bl-ikel tradizzjonali tal-Perù u bi żfin mal-mużika Peruvjana.

Fr Salomon imbagħad iċċelebra ukoll l-ewwel quddiesa tiegħu fir-raħal fejn jgħix li jismu Bambamarca. Hawnhekk ukoll in-nies ipparteċipat bi ħġarha, kulħadd jifraħ ma' Fr Salomon u jġeddu il-memorji tat-tfulija u ż-żgħożija li għadda f'dan ir-raħal qabel mar Lima biex jingħaqad mas-Soċjetà.

Irrid nieħu l-okkażżjoni biex nirringrazzja lil tant benefatturi li għenuh jasal sa fuq l-artal.



# L-MSSP fis-Sena Pawlina

**Kif tafu l-Papa nieda sena Pawlina, li bdiet mid-29 ta' Ġunju tas-sena l-oħra u ngħalqet fl-Imnarja ta' din is-sena. Aħna l- membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl f'Malta, xtaqna verament insiru nafu lil San Pawl u l-messaġġ tiegħu iktar mill-qrib, kif ukoll noffru din l-opportunità lil komunitajiet tagħna u lil dawk li niltaqgħu magħhom. Għal dan il-għan saru diversi attivijajiet li bihom ippruvajna inwasslu l-figura ta' dan il-bniedem hekk kbir biex huwa jkun mezz ħalli insiru aktar midħla ta' ġesù li hu tant kien iħobb.**

### Katekeżijiet

Waħda mill-attivitajiet għal dan il-għan, kienet il-katekeżi ta' kull xahar. Mill-bidu tas-Sena Pawlina bdejna set ta' katekeżijiet bibliċi bil-għan li bħala Soċjetà missjunarja pawlina, aħna nkomplu nanimaw u nkabbru fl-għarfien biex insiru nafu iktar mill-qrib l-Appostlu tal-ġnus. Permezz ta' *talk* li jaqsam magħna wieħed mill-*fathers* MSSP, irriflettejna fuq diversi aspetti mill-ħajja u temi li jitkellem fuqhom l-Appostlu fl-ittri tiegħu fosthom id-dixxipulat, l-Inkarnazzjoni, il-konverżjoni, il-komunità bħala l-ġisem ta' Kristu u s-Salib, u l-Misteru ta' l-Ghid. Il-katekeżijiet li kienu jsiru kull l-ewwel Tnejn tax-xahar ġewwa d-Dar ta' San ġużepp, bdew f'Ottubru u baqgħu sejrin sa' Mejju|. Nistgħu ngħidu li dawn il-katekeżijiet ġew milqugħa tant tajjeb, b'attendenza ta 'l fuq minn 150 persuna f'kull katekeżi.

### Pellegrinaġġ Pawlin

Attività fuq skala ikbar kien il-pellegrinaġġ Pawlin li offrejna lil dawk li attendew b'mod numeruż. Matul il-pellegrinaġġ żorna diversi postijiet assoċjati ma' San Pawl ġewwa Malta, fosthom il-grotta fir-Rabat. Dan il-pellegrinaġġ qarribna iżjed lejn l-Appostlu tal-ġnus.

### L-irtir f'Għawdex 1-3 ta' Mejju

L-esperjenza li konna qegħdin ngħixu f'Malta permezz tal-Katekeżijiet Pawlini li kollha qegħdin





norganizzaw kull l-ewwel Tnejn tax-xahar xtaqna li bħala Kummissjoni naqsmu wħud mill-Katekeżijiet ma' ħutna l-Għawdxin. Għal dan il-għan organizzajna irtir ta' *weekend* mill-1 sat-3 ta' Mejju ġewwa d-dar tagħna ta' Stella Maris fiż-żebbuġ. Għal irtir attendew madwar ħamsin persuna, ħafna minnhom lajċi li jattendu l-komunità li tiltaqgħa fl-istess dar.

F'dan l-irtir kellna ħafna ħin li mhux biss nisimgħu fuq l-Appostlu Missierna li wkoll nirriflettu kemm b'mod personali kif ukoll fi gruppi, f'ambjent ta' ġabra u talb. Il-ħadd filgħodu ingħaqad magħna Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Fid-diskors li għamel, filwaqt li rringrazzja lis-Soċjetà għall-organizzazzjoni ta' l-irtir, kompla ħeġġeġ lil dawk li attendew biex nkomplu nieħdu iktar bis-serjetà l-ħajja spiritwali tagħna u awgura li dak li anima u ħeġġeġ lil Pawlu biex jkun dixxiplu u Appostlu tiegħu, janima lilna lkoll fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

### Ġimgħa Pawlina fix-Xagħra

Barra dan l-irtir ghal ħutna Għawdxin xtaqna nagħmlu xi ħaġa oħra. Għalhekk qattajna ġimgħa fil-parroċċa tax-Xagħra fejn żorna diversi gruppi fil-parroċċa u ipprovajna nittrasmettu l-messaġġ ta' Pawlu ma' dawk kollha li iltqajna magħhom.



### Pellegrinaġġ Pawlin ghal qassisin tax-Xagħra

Ġejna mistiedna biex immexxu pellegrinaġġ pawlin għas-saċerdoti tal-parroċċa tax-Xagħra Għawdex . Dan kien moment sabiħ ħafna fejn żorna postijiet relatati mal-Appostlu Missierna fil-gżira ta' Malta.

### Irtir f'Ġunju

Dawn il-Katekeżijiet għalaqniehom flimkien permezz ta' rtir li għexna mis-26 sat-28 ta' Ġunju, propju fl-aħħar '*weekend*' tas-Sena Pawlina. F'dan l-irtir qsamna ma' dawk kollha li attendew fuq żewġ temi oħra: it-talb u l-ispirtu missjunarju f'San Pawl. Barra minn hekk irriflettejna, tlabna u anke qsamna bejnietna l-frott li ħalla fil-ħajja tagħna, l-Appostlu Missierna.



